MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 2231/2002

**Elmo Insurance Agency Limited bhala rappresentanti tas-socjeta` estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha George Cremona u l-istess George Cremona**

**vs**

**Antoine Barun**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz ippresentat mill-atturi fis-16 ta' Settembru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tmienja u hamsin lira Maltija u disa u sittin centezmu (Lm258.69), u dana in kwantu ghall mija tmienja u hamsin lira Maltija u disa u sittin centezmu (Lm158.69) lis-socjeta` Elmo Insurance Agency Limited noe u mitt lira Maltija (Lm100) lil George Cremona, bilanc minn somma akbar, rapprezentanti danni kkagunati mill-konvenut u minnhom sborsati bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara Pieta', fit-30 ta' Gunju, 2001,**

**meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura KAI 736 habat mal-vettura DBF 246, proprjeta' ta' George Cremona u misjuqa minnu - ghal liema incident il-konvenut kien accetta r-responsabilita' tant li sal-4 ta' Frar, 2002 huwa ghamel l-ahhar pagament akkont tad-danni subiti mill-atturi izda li dik id-data ma hallasx iktar.**

**Oltre l-imsemmija danni, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Ottubru, 2001, dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Awissu 2002 u l-imghax legali b'effett mid-data tal-prezentata ta' l-avviz sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**Ra li l-konvenut ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Joseph Zammit McKeon ghall-atturi li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident kien jahti unikament il-konvenut Geogre Cremona, it-Tribunal filwaqt li jiddikjara lill-konvenut George Cremona unikament responsabbli ghall-incident, jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` Elmo Insurance Agency Limited noe s-somma ta' mija tmienja u hamsin lira maltija u disa u sittin centezmu (Lm158.69) u lill-attur George Cremona s-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100) bl-imghax legali fuq iz-zewg ammonti dekorribbli mis-16 ta' Settembru, 2002 sal-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Ottubru, 2001, u dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Awissu 2002, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**